MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 334/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u sittin (1969) fil-Knisja Parrokjali ta' Birzebbugia, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'FE1';
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet G M li llum ghandha l-eta' ta' tnejn u erbghin (42) sena;
3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentment ir-rikorrenti u l-intimata sseparaw legalment minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) (kopja annessa u mmarkata Dok 'FE 2');
4. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn sebgha u tletin (37) sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi binthom G M illum hija maggorenni;
6. Illi permezz tas-sentenza surreferit gie deciz illi l-kontendenti ma ghandhomx obbligu li jissoministraw l-alimenti lil xulxin;
7. Illi konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew pretenzjonijiet ta' manteniment;
8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor lil din il-Qorti joghgobha tordna;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li in forza taghha eccepiet :

Illi huwa minnu illi l-kontendenti ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn seba u tletin sena u llum ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi r-rikorrenti llum qieghed jghix f'konkubinagg ma terza persuna li minnha ghandu ukoll tlett ulied bniet;

Illi l-kontendenti t-tnejn llum ghandhom il-familji rispetti taghhom u ma hemm ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u dana skont s-sentenza ta' separazzjoni personali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Gunju 1977 esebita mar-rikors promotur;

Illi ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-esponenti taqbel li ghandu jkun pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li kien gie ccelebrat fil-31 ta' Awissu 1969;

Illi tenut kont ic-cirkostanzi l-esponenti ma ghandhiex tkun ikkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awissu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Gunju 1977;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------